SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 26/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/01/'10** **255**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/01/'10** **309**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Jannar 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u skrivana.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Edgar Montanaro.

1.05 Kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Jananr 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti

2. Financial Statements
3. Rapport ta' xogħolijiet
4. Budget / Business Plan Preparation
5. Skema Skart Separat
6. Korrispondenza
7. Performance Bonus
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 25/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 25/K6/09.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Financial Statements**

2.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Financial Statements sal-31/12/09 (Ara Appendiċi 'A').

2.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

2.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi jekk jkun hemm il-bżonn li jiżdiedu xi notamenti dawn ser isiru u li mhux ser jinbidel xejn mill-figuri li hemm imniżżla fir-rapport. Ġie deċiż li f'każ li jinbidlu xi ammonti dawn għandhom jiġu mressqa quddiem il-Kunsill.

2.04 Is-Sur Padovani għarraf lill-Kunsill illi saret laqgħa ma' rappreżentant ta' l-ITS (Sage Pastel Providers) rigward in-nota fil-management letter dwar l-assi. Hu spjega li bħala nefqa l-accounts jaqblu iżda hemm differenza fid-dipprezzament bejn is-Sage Pastell u s-Sage Evolution. Is-Sur Padovani rrimarka li dan seta' ġara meta l-IT providers qalbu mis-Sage Line 50 għal Sage Pastell.

2.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements.

2.06 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08 Iċ-Chairman irringrazzja lis-Sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom.

## 3 Rapport tax-Xogħolijiet

3.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2009 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2010 (Ara Appendiċi 'B').

3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport tax-xogħolijiet.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4 Budget / Business Plan Preparation

4.01 L-Accountant flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata ta' l-estimi għas-sena finanzjarja 2010 (Ara Appendiċi 'C'). Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-korrispondenza rif.5917/09 li tittratta dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2010 imqassma skont il-funzjonijiet.

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan għas-sena finanzjarja 2010.

4.03 Il-Kunsilliera Richard Scicluna issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 L-accountant ġie skużat fis-6:15p.m.

## 5 Skema Skart Separat

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser issir laqgħa ma rappreżentanti tal-Green MT u l-Green Pak nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar 2010 fis-2:00p.m. u fit-3:00p.m. biex min hu nteressat jattendi. Ġie deċiż unanimament illi wara dawn il-laqgħat tintgħażel l-aħjar offerta.

## 6 Korrispondenza

6.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| | |
|---|---|
| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
| 5816, K1342 K0022 | Ittra mingħand il-MEPA rigward l-iSkema ta' fondi tal-Urban Improvement Fund. |
| 5905 | E-mail mingħand il-Kunsillier Richard Scicluna rigward talba sabiex issir Tow Zone dejn ir-Ryan's. |
| 5908 | E-mail mingħand Banif Bank rigward xogħolijiet fuq il-Monument Kommemorattiv. |
| 5917 | E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Allokazzjoni Finanzjarja 2010. |
| 5944 & 5966 | E-mail mingħand TCTC rigward il-korsijiet tal-kompjuter. |
| 5976 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Tas-Sliema rigward il-ġbir ta' skart. |
| 6012 | Memo 85/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-posta elettronika għal kull Kunsillier. |
| 6014 | E-mail mingħand l-AKL rigward l-applikazzjoni għal R*efurbished Computers.* |
| 6047 | Memo 87/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Kuntratti minn Kunsilli Lokali mal-iSkema għall-ġbir ta' skart separat. |
| 6104 | Ittra mingħand l-Hon. Dr. Chris Said sabiex iħeġġeġ il-Kunsilli Lokali jipparteċipaw fil-konferenza annwali tal-European Cities Against Drugs. |
| 6121& Min24/K6/09 | Ittra mingħand is-Sur David E Arrigo rigward talba għall-re-imbursement tal-ħsara fi drenaġġ ta' 3 Triq il-Karmnu, San Ġiljan. |
| 6129,184 K0014&K0050 | E-mails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-għotija li l-Kunsill kien ħa taħt l-iSkema dwar l-Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalitajiet. |

6161 Ittra mingħand il-Catholic Institute rigward CD's tal-Oratorio 'San Paolo Evangelizza i Maltesi' ta' Carlo Diacono (1876-1942).

6170 Memo 89/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allowance lill-Kunsilliera.

12 Memo 90/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skemi ta' Fondi Speċjali 2010.

13 Ittra mingħand Spinott Limited rigward proposta sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Luigi Apap quddiem il-lukanda Rafael Spinola.

14 Memo 1/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tqassim ta' dokumenti lill-Kunsilliera.

28 Memo 3/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tibdil fl-onorarja tas-Sindki.

50 Memo 5/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Urban Improvement Fund.

80&K0015 Memo 7/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iSkema dwar l-Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalitajiet għal 2010.

85 Memo 8/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward xogħolijiet ta' trinek fit-toroq mill-Kunsilli Lokali.

94,167,K0031 K0053&K0054 Memo 9/2010 u e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Xogħol fuq Toroq u Toroq 2010.

141, 142 &K0023 Ittri mingħand il-MEPA rigward it-talba għall-*Compliance Certificates* għall-*Playground* u l-ġnien, flimkien mas-sit ta' ħdejn il-Housing Estate f' Ta' Ġiorni.

144 E-mail mingħand il-WasteServ rigward il-proposta tal-leasing agreement tal-BIS bins.

148 E-mail mingħand Active Enterprises rigward *barriers* ġodda n-naħa tal-Balluta *Area.*

196 Memo 14/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iSkema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2010.

214 Memo 11/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ERDF Axis 2 – Pre-Call għal proġetti b' aktar minn €2 miljun fil-qalba tal-lokalitajiet.

266&382 E-mail mingħand l-AKL rigward TV slot fuq TVM dwar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali.

321, K0059 &K0099 E-mail mingħand Deba Enterprises Co. Ltd. rigward kwotazzjoni sabiex tiġi rranġata in-net tal-futball *pitch* f' Ta' Ġiorni.

391 Ittra mingħand Andrew Borg rigward it-tieni volum ta' Dun Anton Kitbietu Miġbura.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 5816

6.02 B' riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA ċ-Chairman informa lill-Kunsill illi nbagħtet ittra uffiċċjali lill-MEPA wara li ttieħed parir legali.

Rif. Nru. 5905

6.03 Saret riferenza għall-e-mail mingħand il-Kunsillier Richard Scicluna rigward talba biex issir tabella tat-Tow Zone ħdejn ir-Ryan's fi Triq Wied Għomor. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Richard Scicluna jew is-Sindku jipprovdu ritratt u site plan tal-post sabiex tintbagħat it-talba lill-ADT.

Rif. Nru. 5944

6.04 B'riferenza għall-e-mail mingħand TCTC rigward il-korsijiet tal-kompjuter. Ġie deċiż illi l-Kunsill jaċċetta biss l-ewwel 25 applikazzjoni għall-korsijiet tal-kompjuter.

Rif. Nru. 5976

6.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Tas-Sliema rigward il-ġbir ta' skart. Ġie deċiż unanimament illi jiġi kkuntattjat il-Kunsill Lokali Tas-Sliema sabiex jinfurmaw, jekk għadhomx interessati joħorġu t-Tender tal-Ġbir ta' Skart Organiku flimkien mal-Kunsill Lokali San Ġiljan.

Rif. Nru. 6121

6.06 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur David E. Arrigo rigward talba għall-re-imbursement tal-ħsara fi drenaġġ ta' 3 Triq il-Karmnu, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament illi s-Sur David Arrigo jitħallas biss l-ammont ta' €931.75, tal-irċevuta li ġiet provduta, sakemm jipprovdi l-irċevuti tad-differenza mitluba.

Rif. Nru. 6161

6.07 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Catholic Institute rigward CD's tal-Oratorio `San Paolo Evangelizza i Maltesi' ta' Carlo Diacono (1876-1942), is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-Artiklu 63A tal-Att Dwar Kunsill Lokali Kap. 363 bl-emendi li saru bl-Att XVI tal-2009. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jinxtraw tnax-il CD biex jinżammu għall-Kunsill, sabiex meta jkun hemm xi okkażjoni dawn jingħataw.

Rif. Nru. 12

6.08 Saret riferenza għal Memo 90/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skemi ta' Fondi Speċjali 2010. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jawtorizza lis-Sindku sabiex, fejn ikun hemm skema b'xi dead line li minnha jista' jibbenefika l-Kunsill, tinħareġ talba bil-miktub lill-Perit sabiex tittieħed kull azzjoni neċessarja.

Rif. Nru. 13

6.09 Saret riferenza għall-ittra mingħand Spinott Limited rigward proposta sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Luigi Apap quddiem il-lukanda Rafael Spinola. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku jiltaqa' ma' Spinott Limited sabiex jiġi spjegat kif ser isiru x-xogħolijiet u jiġu nfurmati li l-bankina u l-applikazzjonijiet meħtieġa lill-Awtoritajiet ikkonċernati jsiru min-naħa tagħhom għas-spejjez tagħhom.

Rif. Nru. 50

6.10 B'riferenza għal Memo 5/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Urban Improvement Fund ġie deċiż unanimament li l-MEPA tiġi nfurmata illi l-Kunsill ser juża l-fondi allokati u l-informazzjoni mitluba ser tintbagħat aktar il-quddiem.

Rif. Nru. 80

6.11 Saret riferenza għal Memo 7/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iSkema dwar l-Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalitajiet għal 2010. Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Perit diga' ngħata struzzjoni permezz ta' ittra rif. K0015/Memos,Proj.Fl&157/10.

Rif. Nru. 144

6.12 Saret riferenza għall-e-mail mingħand il-WasteServ rigward il-proposta tal-leasing agreement tal-BIS bins. Il-Kunsill ġie nfurmat li, kif deċiż fil-Min. 25/K6/10, il-Kunsillier Edgar Montanaro ngħata kopja tad-dokumenti li l-Kunsill irċieva mingħand il-WasteServ fir-rigward il-leasing agreement tal-BIS bins sabiex jigwida l-Kunsill dwar id-deċiżjoni li għandha tittieħed.

Rif. Nru. 148

6.13 B'riferenza għall-e-mail mingħand l-Active Enterprises ġie deċiż unanimament li jingħata permess, skont il-Bye-Laws ta' l-2006 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali San Ġiljan), għal tlett barriers oħra n-naħa tal-Balluta area.

Rif. Nru. 214

6.14 B'riferenza għal Memo 11/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ERDF Axis 2 – Pre-Call għal proġetti b'aktar minn €2 miljun fil-qalba tal-lokalitajiet, ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat il-Perit Stephen Farrugia biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni sabiex il-pitch ta' San Ġiljan issirlu waterpolo pool, biex ikunu jistgħu jorganizzaw it-turnaments.

Rif. Nru. 266

6.15 Saret riferenza għall-e-mail mingħand l-AKL rigward it-TV slot fuq TVM dwar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni meħtieġa u li dan is-slot ser jidher nhar il-Erbgħa 24 ta' Marzu 2010 fejn huwa maħsub li jintwera l-filmat ta' promozzjoni ta' San Ġiljan.

Rif. Nru. 321

6.16 Saret riferenza għall-e-mail mingħand Deba Enterprises Co. Ltd. rigward kwotazzjoni sabiex tiġi rranġata n-net tal-futball pitch f'Ta' Giorni. Il-Kunsill ġie nfurmat illi s-Sur Albert Borg tal-MP&DC ġie

mitlub jgħaddi l-ispecifications meħtieġa sabiex tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni.

Rif. Nru. 391

6.17 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Andrew Borg rigward it-tieni volum ta' Dun Anton Kitbietu Miġbura. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-Artiklu 63A tal-Att Dwar Kunsill Lokali Kap. 363 bl-emendi li saru bl-Att XVI tal-2009. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi jinxtraw għoxrin ktieb għall-valur ta' €250 biex jintużaw għall-Priże Day ta' l-iskola.

6.18 Il-Kunsill ġie nnotifikat li l-aġenda, il-minuti, u korrispondenza oħra qed tinbagħat permezz ta' e-mail u li hu l-obbligu ta' kull kunsillier li josserva r-regolamenti.

6.19 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi dawk il-Kunsilliera li m'għandhomx kompjuter jew diffikulta' biex jipprintjaw jew ikollhom il-printer bil-ħsara jingħataw kopja mill-uffiċċju tal-Kunsill.

## 7 Performance Bonus

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-performance appraisal forms tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' D ').

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomandat illi l-iskrivani kollha jingħataw il-performance bonus.

7.03 Iċ-Chairman is-Sur Peter Bonello ppropona l-approvazzjoni tal-full Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani.

7.04 l-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

7.05 l-Kunsill qabel unanimament.

7.06 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

## 8 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' E ').

8.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

8.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2783 sa 2800 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' F ').

9.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ressqet emenda sabiex Purchase Request Sheet Nru. 2800 titneħħa minħabba li d-dettal li nghata kien żbaljat.

9.03 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2783 sa 2799.

9.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

9.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**10 Materji Oħra**

10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- ingħata ħames kompjuters rikondizzjonati mingħand l-MCA (Ara Appendiċi 'G') iżda jridu jinxtraw il-keyboards u l-mouse computer desks kif ukoll printer.
- Iż-żewġ kompjuters li kienu jintużaw mill-pubbliku m'għandhomx tajbin u għalhekk ser jiġu disposed.
- Hemm bżonn li jinxtraw erba' keyboards u mouse għall-impjegati, żewġ skrivaniji kif ukoll siġġijiet.

- Il-laqgħa tal-lokalita' ser issir nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar 2010 u ta' Paceville (Hamlet) ser issir it-Tlieta 2 ta' Frar 2010. Dawn ser isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill mis-6:00p.m. sas-7:30p.m.

- Sar transfer ta' €100,000 mill-BOV għall-HSBC.

10.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

10.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Segretarju Eżekuttiv għandha bilanċ ta' 28 ġurnata u ħames sigħat vacation leave gejjin mis-sena 2009 filwaqt li l-impjegati l-oħra ħadu l-bilanċ tal-vacation leave li kien fadlilhom mis-sena 2009 fl-ewwel jiem tas-sena 2010. Ġie deċiż unanimament li l-vacation leave tas-Segretarju Eżekuttiv li ġejjin mis-sena 2009 jiġu trasferiti għas-sena 2010.

10.04 B'riferenza għall-korrispondenza li ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Ara Appendici "H") ġie deċiż unanimament li l-insurance tal-Kunsill tiġi mġedda għal sitt xhur oħra sakemm il-Kunsill jircievi ruling mid-Dipartiment.

10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li nħareġ it-tender għax-xiri jew kiri ta' van żgħir u għall-manutenzjoni tas-sinjali u marki tat-toroq. Dawn jagħlqu fil-15 ta' Frar 2010 u 23 ta' Frar 2010 rispettivament. Fir-rigward tat-tender tal-van, il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħaddiema tal-IPSL ġew mistoqsija jekk humiex lesti li jsuqu l-van tal-Kunsill u r-risposta kienet li tnejn minnhom għandhom liċenzja biex isuqu karozza automatic u qatt ma saqu karozzi manwali, filwaqt li l-ħaddiem l-ieħor qal li l-unika vettura li saq hija l-karozza tiegħu u qatt ma saq van.

10.06 Ġie deċiż unanimament li ssir bankina fi Triq Forrest in-naħa tar-rampa, bejn Triq Wied Għomor u Triq il-Mensija, in-naha l-oħra tal-bini.

10.07 Il-Kunsillier Ronald Agius talab sabiex issir laqgħa nformali mas-Sur Mark Scerri Simiana biex il-Kunsill ikun jaf x'inhu jiġri fuq it-Town Centre Management.

10.08 Ġie deċiż unanimament li jiġi organizzat 5-a-side tournament fil-pitch f'Ta' Giorni u jinxtraw trophies u midalji għar-rebbieħa.

10.09 Il-Kunsill ġie ppreżentat €437 bħala donazzjoni mingħand is-Sur Rainer Xerri u s-Sur Matthew Zammit talli għamlu użu mill-5-a-side pitch f'Ta'Giorni.

10.10 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru 2.30 pm. Dan minħabba li:-

- s-Sindku jagħmel madwar għaxar siegħat kuljum il-Kunsill.
- kemm ilhom isiru l-laqgħat fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija ma kienx hemm attendenza tal-pubbliku.

10.11 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-8:15p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |